MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2170/2003

**Miller Distributors Limited**

**Vs**

**Christopher Bonnet f'ismu proprju kif ukoll ezercitanti l-kummerc taht l-isem 'The Collector'**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm707.26 (sebgha mija u sebgha liri maltin u sitta u ghoxrin centezmu) ghal import ta' sitt (6) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.**

**Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fil-5 ta' Novembru, 2003 u naqas li jidher u lanqas meta gew ipprezentati l-kapitoli fl-1 ta' Dicembru, 2003 u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------